bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Alexander Miruzzi)
vs
Brian Grech, iben
Generoso, imwieled
l-Imtarfa fil-21 ta' awissu,
1970

Illum, 14 ta' frar, 2001

Il-Qorti,
Rat iċ-ċitazzjoni kontra l-imputat -
1. talli nhar il-Ħadd, 10 ta' settembru, 2000 wara nofs in-nhar waqt staġun magħluq għall-kaċċa għal ħabta tat-3.30 p.m. kien għall-kaċċa b'senter
tal-marka Benelli 140433, li kien ikkargat bi tlett skrataċċ, u żewġ ċintorini
b'sebgħin skartoċċ;
2. talli kellhu fil-pussess tiegħu jew kontroll tiegħu jew kellhu f'idejh jew fuqu arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jagħmel miegħu mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
3. talli fl-istess data, ħin u ċirkostanżi attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew hebb kontra membri tal-pulizija li huma persuni nkarigati skond il-Liġi minn servizz pubbliku fil-waqt li kienu qed jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-Liġi jew ta' ordni mogħti skond il-Liġi mill-awtorita' kompetenti.
Il-Qorti ġiet mitluba li barra li tagħti l-piena stabbilita, tordna l-konfiska tal-oġġetti eżebiti, kif ukoll tordna l-iskwalifika tal-liċenżi tal-kaċċa u tal-armi għal mhux anqas minn sena.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tal-14 ta' frar, 2001 fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' frar, 2001 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar iċ-ċirkostanżi ta' dan il-każ kif ukoll dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-arti-
koli 96 u 98 tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta u l-A.L. 146 ta' l-1993 u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' mitt liri maltin (Lm100). Minħabba ċ-ċirkostanżi ta' dan il-każ tiċħad it-talba għal konfiska tal-armi u munizzjon, kif ukoll tal-iskwalifika tal-liċenżi hawn fuq imsemmija.